MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 9/1995/1

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Leonarda Cutajar bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' S.C. and Company Limited**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur:

“Illi b’ittra ufficjali tal-1 t’Awissu, 1994, l-intimata nomine giet notifikata b’Avviz ghall-Ftehim fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta’ bicca art f’Birkirkara tal-kejl ta’ 1174 metri kwadri li tmiss mix-Xlokk ma’ dawret Birkirkara, mill-Grigal ma’ proprjeta tal-werrieta ta’ Anthony Calleja u mill-Majjistral ma’ proprjeta’ ta’

Grazio Zammit, kif indikata bl-isfar u bin-numru 3 fuq pjanta L.D 193D/90, li kopja taghha hija annessa mal-Avviz ghall-Ftehim, huwa ta' hames mija u sebgha u tmenin Lira Maltin (Lm587) kif jidher mir-rapport tal-Perit O. Caruana Montaldo A.&C.E. tal-24 ta' Jannar, 1994 li estratt tieghu huwa anness mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-12 t'Awissu, 1994 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hamsin elf Lira Maltija (Lm50,000).

Illi b'cedola ta' depositu pprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Frar, 1995 gie depozitat il-kumpens offert ta' hames mija u seba' u tmenin Liri Maltin (Lm587) ghall-bicca art fuq imsemmija u dan a terminu tal-artikolu 22(4) tal-Kap 88.

Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap 88 dan id-depozitu ma' jimpedix lill-intimata milli tkompli tikkontesta quddiem il-Bord l-ammont offert lilha, liema ammont pero' ir-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-Ligi.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kumpens ghall-art fuq imsemmija skond id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal skopijiet pubblici (Kap 88)."

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-intimati ressqu xhieda teknika biex juru li l-art esproprijata ghandha valur Lm50;

Illi l-membri teknici tal-Bord, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz, ikkonkludew illi l-valur gust ghat-tehid ta' din l-art huwa ta' LM2,260.00 u cioe' euros 5,264.38

Illi ai termini .tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka l-bicca art f'Birkirkara tal-kejl ta' 1174 metri kwadri li tmiss mix-Xlokk ma' dawret Birkirkara, mill-Grigal ma' proprjeta tal-werrieta ta' Anthony Calleja u mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Grazio Zammit, kif indikata bl-isfar u bin-numru 3 fuq pjanta L.D 193D/90, liema art qed tkun dikjarata agrikola, bil-kumpens ta' hamest elef mitejn erba u sittin euro u tmienja u tletin centezmu (Euro 5264.38) oltre l-imghax skond il-ligi. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-7 t'April 2010 fis-1.30pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi LL.D., LL.D biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrfa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------